KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 05

L-Erbgħa, 20 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Max Zammit, il-Viċi Sindku Sarah Borg, u l-Kunsillieri Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat u Ronald Portelli.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

*5.3* ***Applikazzjoni tas-CIES scheme***: Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika ghal persuna minn din l-iskema sabiex ikun cleaner u jiehu hsieb ukoll il-latrina. Il-Kunsilliera Cachia Castelletti qalet li l-Kunsill kien car ghal x'tip ta' xoghol huwa mistenni mill-persuna meta l-Kunsill applika ghal din l-iskema. L-A/Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jara fiex wasal il-process u jistax dan jitkompla u jigi ngaggat din il-persuna. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jirrifondi s-salarju ta' din il-persuna lill-Kunsill Lokali

*5.4* ***Harga ghall-Anzjani***: Il-Vici Sindku qalet li nhar l-Erbgha, 4 ta' Dicembru ser issir harga ghall-anzjani gewwa l-Esplora, liema harga ser tkun issussidjata.

*5.5* ***Hinijiet tal-ufficcju fi zminijiet tal-Festi***: Il-Kunsill qabel li lejlet u l-ghada tal-Milied kif ukoll lejlet u l-ghada tal-Ewwel tas-sena, l-ufficcju tal-Kunsill jinfetah nofs ta' nhar. Il-haddiema ghandhom jaraw bejniethom kif se jirrangaw ghal dawn il-granet.

*5.6* ***L-impjegata Anna Micallef***: L-impjegata Anna Micallef gieli uriet ix-xewqa li tahdem b'reduced hours. Kien hemm qbil li jkellima l-A/Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsill jara x'ghandha f'mohhha.

*5-.7* ***Attivitajiet:*** Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li l-attivita` li saret bejn l-Arts Council u r-Regjun kienet tajba filwaqt li l-attendenza ghar-*reading sessions* gieli tkun tajba u gieli inqas.

*5.8* ***Donazzjoni ta' dghajsa***: Is-Sindku qal li l-owner tal-Black Pearl jixtieq jaghti dghajsa antika lill-Kunsill sabiex titpogga x'imkien bhala monument. Huwa kien qed iressaq dan sabiex min jixtieq iressaq xi suggerimenti, jaghmel dan fil-laqgha li jmiss.

## 6 MISTOQSIJIET

*6.1* Il-Kunsillier Muscat tkellem dwar l-impjegat Chris li kien parti mill-iskema CWSEF. Huwa semma li dan huwa persuna li bghata f'hajtu u meta kien hemm kwistjoni bejn zewg haddiema minn din l-iskema, spicca tnehha hu. Is-Sindku wiegeb li l-haddiema kollha tal-iskema kienu irribjati li dan il-haddiem partikolari ma kienx qed jahdem bhall-ohrajn, sahansitra baqa jiggieled maghhom ukoll. F'dan ix-xenarju, il-kumpanija talbet li wiehed miz-zewg impjegati irid jiccaqlaq u jigi trasferit f'Kunsill iehor. Il-Kunsillier Muscat qal li jekk kien Jurgen li beda l-argument, ghandu jitlaq hu. Il-Kunsillier Porrtelli qal li jippreferi li jibqa' Jurgen filwaqt li l-Vici Sindku qalet li Chris kien persuna li kellu problemi ma diversi nies. Is-Sindku qal li sadanittant, il-kumpanija trasferiet lil Chris mal-Kunsill Lokali tal-Imsida.

*6.2* Il-Kunsillier Muscat qal li residenti li jkollhom appuntament fit-8.00am mhux qed jitwasslu. Ghalhekk issugerixxa li s-servizz jibda nofs siegha qabel. Is-Sindku qal li jekk jaccettaw il-haddiema li jibdew aktar qabel, ikun tajjeb hafna.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

*7.1* Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 104 Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*